MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2008

Numru 298/2008

Il-Pulizija
(Spettur James Grech)

vs

Rittmar Hatherly
Justin Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati ta' karta ta' identita'rispettivament numru: 363987(M)
u 228891(M)

Akkuzati talli nhar is-6 ta' April, 2008, ghall-habta ta' 03:45hrs, gewwa Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, b'diversi atti maghmulin minnhom li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn €1,164.69(Lm500.00), ghad-detriment ta' David Xuereb detentur tal-karta ta' l-identità 463562M, bhala sid il-hanut Tip Top (Sun Lab) sitwat gewwa Triq ir-Repubblika, Valletta;

2. U aktar talli fl-istesss data, hin, lok, u cirkostanzi, ikkommttew serq ta' diversi arloggi u gojjellerija ta' valur li jeccedi l-ammont ta' €2,329.37 liema reat huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin, ghad-detriment ta' David Xuereb, detentur tal-karta ta' l-identità' bin-numru 463562M, bhala sid il-hanut Tip Top (Sun Lab);

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, Rittmar Hatherly u Justin Farrugia assocjaw ruhhom flimkien bil-ghan li jaghmlu delitt;

**Rittmar Hatherly wahdu** akkuzat talli:

4. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kiser diversi kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati, b'sentenzi moghtija nhar is-26 ta' Lulju, 2006 mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr Joseph Cassar LL.D. nhar id-29 ta' Novembru, 2006 preseduta mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D., u kif ukoll nhar id-19 ta' Lulju, 2007 mill-Magistrat Dr J Padovani Grima LL.D.

**Justin Farrugia wahdu** akkuzat talli:

5. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kiser il-kundizzjoni imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati nhar id-19 ta' Lulju, 2007 mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima LL.D

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputati fl-udjenza tal-lum jammettu l-akkuzi, f'liema ammissjoni huma insistew anki wara li l-Qorti tathom zmien jikkunsidraw;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputati jirrigwardaw serq, il-hsara volontarja, l-assoccazzjoni, u ksur ta' diversi kundizzjonijiet imposti b'sentenzi precedenti tal-Qorti tal-Magistrati.

Issa, apparti illi l-akkuza tal-hsara volontarja saret bhala mezz ghall-fini, u ghalhekk hu applikabbli l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti inghatat x'tifhem illi l-problema tal-imputati huwa l-vizzju tad-droga, ghaldaqstant hi l-fehma konsiderata taghha illi kkonsidrat li r-refurtiva giet restitwita, ikun ta' beneficcju kemm ghall-imputati u kemm ghas-socjetà' in generali li l-imputati jitqieghdu taht il-Harsien ta' Ufficjal tal-Probation bil-kundizzjoni specifika li jissottomettu ruhhom ghal test tal-urina kull meta jkunu hekk ordnati mill-Ufficjal tal-Probation.

Ghaldaqstant qieghda fuq ammissjoni volontarja u inkondizzjonata issib l-imputati hatja tal-akkuzi kollha dedotti kontra taghhom;
Wara li kkonsidrat dak li kellha tikkonsidra qieghda tapplika kull wiehed minnhom l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perjodu ta' tlitt (3) snin mill-lum, soggett ghall-kundizzjoni kif inghad iktar 'il fuq, wara li rat l-Artikoli 325, 261(b)(c)(f), 264, 267, 271, 278(2)(3), 279(a), 280(2), 48A, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------